# MRO. ANTONIO MIRUZZI

## 50 sena minn mewtu. (1866–1944)

Il-Banda Beland tista' tiftaħar illi sa mit-twaqqif tagħha dejjem kellha Surmastrijiet diretturi li mexxewha 'l quddiem fit-triq tas-suċċessi mużikali.

Fost dawn is-Surmastrijiet Diretturi insibu lill-magħruf Antonio Miruzzi illi dderieġa lill-Banda Beland bejn l-1919 u l-1932 u ħalla wirt kbir mużikali kemm lilL-banda kif ukoll lis-Soċjetà.

Antonio Miruzzi twieled ġewwa l-belt Valetta fl-1866 minn Ġużeppi Miruzzi u Michelina Brincat. Huwa tgħallem taħt zijuh Paolo Miruzzi li kien Surmast tal-Filarmonika 'La Valette' bejn l-1855 u l-1888. L-ewwel banda illi Miruzzi idderieġa kienet dik tal-Mosta **'Nicolò Isouard'** bejn l-1894 u l-1909. Fl-1897 insibuh bħala direttur ta' l-orkestra mandolinistika **'La Valette'** u fl-1899 direttur għal sena ta' l-istess banda **'La Valette'**. Fl-istess sena insibuh jidderieġi lill-banda **'San Ġużepp'** tal-Ħamrun, fejn dam sa l-1928 u baqa' marbut magħha sakemm miet. Bejn l-1900 u l-1903 mexxa' l-banda **'Cavalieri di Malta'** tas-Sliema. Mro. Miruzzi kien direttur tal-banda ta' Ħal Lija **'San Pio X'** bejn l-1906 u l-1926 kif ukoll tal-banda **'Sant Andrija'** ta' Ħal Luqa mill-1914 sa l-1922.



*Mro. Antonio Miruzzi*

### Miruzzi u l-Banda Beland

Uffiċjalment Mro. Antonio Miruzzi ħa f'idejh id-direzzjoni tal-Banda Beland nhar it-28 ta' Settembru, 1919 meta dderieġa l-ewwel programm mużikali fi Piazza Maggiore, illum Misraħ Girgor Bonnici. Però Miruzzi kien diġà dderieġa 'l banda qabel, bosta drabi, fl-assenza ta' Mro. Nazju Catania. L-ewwel programmi tiegħu barra ż-Żejtun kienu fil-25 u 26 ta' Ottubru, 1919 fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa Marsaxlokk.

Meta Mro. Miruzzi laħaq Surmast Direttur tal-banda Beland huwa mhux biss kien fil-quċċata tal-karriera tiegħu, iżda sab ukoll banda magħquda u organizzata b'żewġ uniformijiet waħda tas-sajf u l-oħra tax-xitwa. Kien għalhekk illi f'dan iż-żmien il-popolarità tal-banda Beland xterdet ma' Malta kollha. Xhieda ta' dan huma l-bosta servizzi illi kellha l-banda kif jidher minn djarju illi l-istess Miruzzi kien iżomm.

## 1920 — Sena Importanti

Fis-sena 1920 ġewwa ż-Żejtun ġew iċċelebrati żewġ festi kbar bejn Settembru u Novembru. Fis-26 ta' Settembru, l-Arċisqof Dom Mauro Caruana ikkonsagra solennement is-Soċjetà lill-Qalb Santissima ta' Ġesù fost il-ferħ tal-membri u d-dinjitarji kollha preżenti. Filgħaxija il-banda Beland taħt id-direzzjoni ta' Mro. Miruzzi iċċelebrat l-okkażjoni bi programm mużikali li kien jinkludi Marċia - **Roma**, Sinfonia - **Nabucco**, Atto IV - **Traviata**, Selection - **Norma**, Gavott - **Amour Deseret**, Valzer - **Iberia**, **Inno Pontificio**.

Il-festa speċjali l-oħra kienet saret f'Novembru meta ż-Żejtun iċċelebra il-200 sena mit-tberik tal-knisja Arcipretali u Arċimatriċi. Minbarra l-festi kbar illi kienu saru ġewwa t-tempju monumentali, kapolavur tal-Gafa', fil-festi ta' barra kienet ħadet sehem ewlieni l-banda Beland taħt Mro. Miruzzi fejn minbarra l-marċi li kienu saru, l-banda kienet esegwiet żewġ programmi kbar, t-tnejn fi Piazza Maggiore. L-ewwel wieħed ġie esegwit nhar l-Ewwel jum tat-Tridu fil-21 ta' Novembru filwaqt illi lejliet il-festa nhar l-24 ta' Novembru il-banda Beland esegwiet programm ieħor. F'dan il-programm il-banda Beland esegwiet għall-ewwel darba l-Innu immortali 'A Santa Caterina' illi l-kbir kompożitur Żejtuni u ex-Surmast tal-banda Beland kkompona għall-okkażjoni. Għall-kronaka nixtieq inżid illi dan l-innu Diacono kkomponieh f'Novembru ta' l-1919 kif tixhed il-kitba fuq il-partitura iżda ġie esegwit f'Novembru ta' l-1920. Fl-ewwel snin ta' l-esekuzzjoni ta dan l-innu Mro. Miruzzi u Mro. Diacono kienu jaħdmu id f'id.

Naturalment il-programmi tal-banda ġewwa ż-Żejtun ma kienux ristretti biss għall-festa ta' Santa Katarina. Festa oħra kbira mistennija kemm mill-bandisti kif ukoll mill-membri kienet dik tal-Ġimgħa l-Kbira. Mro. Miruzzi kien konxju minn dan kif stqarr miegħi wieħed mill-membri anzjani tagħna illi jiftakru sewwa. Mhux biss ikkompona marċi mill-isbaħ iżda ikkompona wkoll il-famużi **Responsorji** u s-**Sette Parole** illi kien jidderiġihom kull sena fi programm tal-banda nhar Ħadd il-Palm. Dawn il-Kompozizzjonjiet, li huma uniċi għall-banda Beland instemgħu bosta drabi fuq il-mezzi tax-xandir u gew esegwiti wkoll ġewwa l-knisja parrokkjali fl-1985. Miruzzi ikkompona wkoll **Stabat Mater** illi kienet titkanta mill-kor quddiem il-banda fil-purċissjoni.

Programmi regolari ġewwa ż-Żejtun kienu għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina illi kienet tiġi ċċelebrata b'solennità kbira fix-xahar ta' Ġunju. Matul is-sena il-Kumitat kien jorganizza bosta fieri kemm ġewwa l-każin kif ukoll fil-bitħa ta' l-iskola Primarja. Dawn kienu jkunu akkumpanjati mill-banda u kienu jsiru b'risq il-każin, jew b'risq l-Istitut Ġesù Nazzarenu jew b'risq il-knisja parrokkjali. Mro. Miruzzi jew l-Assistent tiegħu kienu jidderieġu l-banda. Il-banda kienet tieħu sehem ukoll fil-festa ta' San Klement ġewwa ż-Żejtun kif ukoll diversi programmi fi Pjazza Bandulier. L-istess Miruzzi kien ikkompona 'salut mużikali' biex jindaqq mill-banda hekk kif joħroġ is-sagrament fil-purċissjoni ta' Corpus Domini.

## Programmi barra ż-Żejtun

Kif għdina fil-bidu Mro. Miruzzi kien strumentali biex kibret il-popolarità tal-banda. Mid-djarju tiegħu u minn għand ex-bandisti anzjani nafu illi l-banda kienet tmur regolarment ġewwa Ħal-Għaxaq 'San Ġużepp', Marsaxlokk għall-festa tal-Madonna ta' Pompei, il-festa tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi, l-Isla għall-festa tal-Bambina speċjalment fil-festa ta' l-Inkoronazzjoni 4 ta' Sett. 1921, San Nikola s-Siġġiewi, San Duminku ġewwa l-Birgu, is-Salvatur Ħal Lija.

Xieraq insemmi hawn illi mill-1923 il-banda bdiet tieħu sehem regulari fil-festi ta' Santa Marija ġewwa Ħal Għaxaq u fl-1925 Mro. Miruzzi ikkompona l-Innu Marcia 'Santa Maria'


Nuova Maestro A. Miruzzi
1919
Marcia Marta A. Miruzzi
Norma Bellini
Rigoletto
Finale III Poliuto
Danza
Gavotta
Marcia Povera Banda
Inno Beland
Maestro Direttore
A. Miruzzi

*Pağna mid-djarju iffirmat ta' Mro. Miruzzi fejn jidher l-ewwel programm tiegħu bħala Surmast Direttur u li ġie esegwit nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru, 1919.*

għaddas rasu u xorta waħda esegwixxa għall-ewwel darba Il-konsegwenzi kienu illi l-Kumitat ġie mħarrek u weħel multa, għaliex is-selection ma setgħetx tindaqq qabel ma tkun indaqqet l-opera.

**Mro. Miruzzi u l-Assistent Surmast Mro. G.M. Dalli**

Fi żmien Mro. Miruzzi, l-Assistent Surmast kien Mro. Giuseppe Maria Dalli illi kien ukoll is-solitsta tal-banda. Naturalment minbarra illi kien jgħallem u jħarreġ lill-allievi kien ukoll jidderieġi lill-banda fl-assenza tas-Surmast Direttur. Minn tagħrif illi ksibt nafu illi Mro. Dalli idderieġa l-banda mhux anqas minn 21 darba bejn l-1920 u l-1925. Dawn il-programmi kienu kemm gewwa ż-Żejtun, fosthom anke f'lejliet Sta. Katarina, kif ukoll barra ż-Żejtun bħal Ħal Għaxaq, Marsaxlokk, il-Qrendi, Birżebbuġa, l-Isla, l-Imqabba. Ma nistgħux inħallu barra lil iben Mro. Dalli, Hector, illi mħarreġ minn missieru beda l-karriera mużikali mal-banda Beland diretta minn Mro. Miruzzi. Aktar il-quddiem, fl-1955 insibu lill-istess Hector Dalli bħala wieħed mis-suċċessuri ta' Miruzzi fejn għal 25 sena dderieġa lill-banda ta' tfulitu lejn suċċessi akbar.

biex il-banda Beland iddoqqu għall-okkażjoni. Dan l-innu marċia għandu miżmum b'għożża fl-arkivju tas-Soċjetà.

Programmi oħra fi żmien Mro. Miruzzi fis-snin ta' wara l-1925 kienu ġewwa l-Belt Valetta fil-festa tal-Karmnu, Ħal Safi San Pawl, Stella Maris tas-Sliema, l-Imqabba fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar, San Ġorġ Martri Ħal Qormi, San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ, l-Immakulata Konċezzjoni ġewwa Bormla u Birżebbuġa għall-festa tad-Duluri. Xieraq illi nsemmi ukoll illi f'dan il-perijodu meta l-banda kienet tmur il-belt għall-festa tal-Karmnu ġara inċident kurjuż. Mro. Miruzzi kien ikkunċerta selection mill-opera 'Turandot' sabiex ġidderiġieha f'Misraħ San Ġorġ. Ġara iżda illi l-istess opera għal xi raġuni jew oħra ma saritx ġewwa t-Teatru Rjali però Miruzzi f'Malta selection mit-Turandot.



*Mro. G. M. Dalli Assistent direttur tal-banda Beland fi żmien Mro. Miruzzi.*

### Kompozizzjonijiet ta' Miruzzi

Aktar 'l quddiem għidna illi Mro. Miruzzi kien Surmast tal-banda tagħna meta kien l-aqwa tal-karriera tiegħu. Ma jistax jonqos għalhekk illi ħallielna bosta xogħolijiet illi mhux biss għadhom iżejjnu l-arkivju tagħna imma minn żmien għal żmien għadhom jiġu esegwiti. Impossibli li nsemmuhom kollha però insemmu xi ftit minnhom. 'La Pansuesa' Overture, 'Oscar du Pont' Fantasia, 'Maschalita' Intermezzo, Enea Marcia Sinfonica, Giorno di Festa-Marica Sinfonica, Le Sette Parole, Responsori, Stabat Mater, Amore Proibito – Fantasia u bosta kompozizzjonijiet oħra fosthom marċi brijużi u funebri. Insemmu wkoll il-famuż Inno Beland illi kien jitkanta mill-partitarji fuq versi ta' ċertu membru Clo. Baldacchino. Fi żmien Mro. Miruzzi dan l-innu kien popolarissimu ġewwa ż-Żejtun.

### Mro. Miruzzi u s-Soċjetà Beland

F'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam mużikali Mro. Miruzzi kien bniedem ta' dixxiplina kbira u kien jesiġi l-aħjar mill-bandisti. Fuq hekk kien surmast stmat mil-bandisti. Kien jiġi regolarment għall-kunċerti fi żmien meta t-trasport bejn iż-Żejtun u l-Belt Valetta ma tantx kien regolari. Miruzzi kien joqgħod il-każin wara l-kunċerti fejn bosta membri ħbieb tiegħu kienu jlestulu l-ikel. Kamra mill-każin kienet irrisevata bħala l-kamra tas-Surmast. Fiha is-Surmast kien jistrieħ matul il-lejl biex l-għada filgħodu jerħilha lura d-dar bil-karrozzin. Hekk għadna nsibuha din il-kamra sal-ġurnata tal-lum – il-kamra tas-Surmast. Miruzzi kien bniedem soċjevoli ħafna u kien huwa illi ġiegħel lill-Kumitat biex jixtri mejda tal-billiard minn għand l-Ingliżi u jarmah fis-sala fejn jinsab illu. Dan kien l-ewwel billiard ġewwa ż-Żejtun. Mro. Miruzzi kien l-ewwel wieħed illi kien iħarreġ lill-membri f'din il-logħba ġdida, li aktar tard bil-ħila tiegħu saret popolari mhux biss ġewwa l-każin imma ġewwa ż-Żejtun.

### Mro. Miruzzi jirtira

Iż-żmien ma jaħfirha lil ħadd u hekk wara kważi erbatax-il sena jidderieġi lill-banda li kienet saret tant għal qalbu, iddeċieda illi jirtira mid-direzzjoni. Il-banda tagħna kienet l-aħħar waħda illi baqa' jidderieġi.

Wara dan iż-żmien kollu Miruzzi kien igawdi stima kbira minn kulħadd, bandisti u membri. Għalhekk il-Kumitat talab il-parir tiegħu dwar is-suċċessur tiegħu. Mro. Miruzzi mill-ewwel indikalhom lil Carmelo Scicluna illi kien diġà bandist regolari mal-banda. Il-konsenja tal-bakketta saret waqt ċerimonja kommoventi għall-aħħar. Din iċ-ċerimonja saret fil-bitħa tal-każin u ħadet sehem il-banda. L-ewwel parti tal-programm ġiet diretta minn Mro. Miruzzi. Hekk kif kienet se tibda t-tieni parti Mro. Carmelo Scicluna resaq lejn Mro. Miruzzi illi min-naħa tiegħu għaddielu l-bakketta sabiex Mro. Scicluna jiddirieġi t-tieni parti. Is-Sur Ġużeppi Merċieca ex-bandist u membru anzjan irrakkontali kemm kienet xena' ta' ferħ u fl-istess ħin ta' qsim il-qalb. Mro. Miruzzi ġie ppreżentat b'bukketti ta' fjuri u bosta rigali. B'din iċ-ċerimonja intemmet il-karriera mużikali ta' Mro. Antonio Miruzzi f'dak li jirrigwardja d-direzzjoni. Illum, ħamsin sena wara mewtu Mro. Miruzzi għadu ħaj permezz tal-wirt mużikali li ħalla mhux biss lis-Soċjetà tagħna imma lil bosta għaqdiet mużikali oħra.



*Mro. Carmelo Scicluna li ġie irrakkomandat mill-istess Miruzzi bħala s-suċċessur tiegħu mal-Banda Beland.*




*Il-funeral ta' Mro. Antonio Miruzzi għaddej minn Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun akkumpanjat minn għadd kbir ta' stendardi ta' Soċjetajiet tal-baned.*

Ħajr:

Sur Carmelo Caruana, ex-arkivista u membru fil-Kumitat Direttiv,
Sur Carmelo Mercieca, membru anzjan tas-Soċjetà,
Sur J. Mifsud Matrenza – Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħamrun,
Sur Oscar Dalli.


**CHARLIE AXISA**

***Confectionery, Spirits & Wine***

**'Dar il-Hena', Gandlora Street, Żebbuġ**

**Tel. No. 467020**